**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Daniela Spiteri**

Numru 70/2014

Illum 16 ta' Frar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata **Daniela Spiteri**, ta' tnejn u tletin (32) sena, bint Carmelo u Mary nee' Spiteri, imwielda l-Pieta', Malta nhar it-22 ta' Dicembru 1981, residenti Block D, Flat 1, Triq Bertha K. Ilg, Ta' Giorni, San Giljan, Malta u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 22282M, akkuzata talli nhar l-24 ta' Settembru 2013 u fil-granet ta' qabel gewwa Triq Fortunato Mizzi, fir-Rabat, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer, f'hinijiet differenti;

1. Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-

pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) u 8 (d), tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputata tħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C").

**Ikkunsidrat**

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom in-natura tar-reat addebitat lill-imputata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 537, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u qed tikkundannaha penali ta' hamsin ewro (€50).

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputata tigi ordnata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**